KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fid-9 ta' Jannar 2019[1]

Kawża C-668/17 P

Viridis Pharmaceutical Ltd.
vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

"Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' revoka – Trade mark verbali Boswelan – Dikjarazzjoni ta' revoka – Użu ta' trade mark fil-kuntest ta' prova klinika"

I. Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tagħha, Viridis Pharmaceutical Ltd. (iktar 'il quddiem l-"appellanti") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2017, Viridis Pharmaceutical vs EUIPO – Hecht-Pharma (Boswelan)[2], li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-29 ta' Frar 2016 (Każ R 2837/2014-5), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Hecht-Pharma GmbH u l-appellanti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"). Dawn il-proċedimenti kienu jirrigwardaw ir-revoka ta' trade mark irreġistrata, b'mod partikolari, għal prodotti mediċinali li jintużaw għall-kura tal-isklerożi multipla.

2. Fil-kuntest ta' dawn il-proċedimenti, l-appellanti sostniet li l-użu ġenwin tat-trade mark ikkontestata, irreġistrata għal prodotti mediċinali li l-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar tagħhom kienu pprojbiti sal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (iktar 'il quddiem l-"ATS"), kien seħħ fil-kuntest ta' prova klinika, li saret sabiex tkun ikkompletata l-applikazzjoni għal ATS. Sussidjarjament, hija sostniet li, b'effett mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni sabiex issir prova klinika tal-imsemmija prodotti mediċinali, it-twettiq ta' din il-prova klinika kien jikkostitwixxi tal-inqas raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu tat-trade mark.

3. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors, filwaqt li qieset li l-appellanti ma setgħatx issostni li hija kienet tuża b'mod ġenwin it-trade mark ikkontestata jew li hija kellha raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu tagħha.

4. Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti tikkontesta, essenzjalment, il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-użu ġenwin ta' trade mark.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 T-276/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2017:611.

5. Il-punti legali li jqumu f'din il-kawża jirrigwardaw għaldaqstant l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "użu ġenwin" u ta' "raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu" fis-sens tar-Regolamenti (KE) Nru 207/2009[3] u (UE) 2017/1001[4] fil-kuntest ta' proċedimenti ta' revoka li jirrigwardaw trade mark irreġistrata għal prodotti mediċinali.

II. Il-kuntest ġuridiku

6. Il-premessa 10 tar-Regolament Nru 207/2009 hija fformulata kif ġej:

"M'hemm ebda ġustifikazzjoni għall-protezzjoni ta' trade marks Komunitarji jew, għall-protezzjoni favur trade mark li tkun ġiet irreġistrata qabel trade mark Komunitarja, ħlief fejn it-trade marks ikunu fil-fatt qed jintużaw".

7. L-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009 bl-intestatura "L-użu ta' trade marks [tal-Unjoni Ewropea]" jipprevedi fil-paragrafu (1) tiegħu:

"Jekk, fi żmien ħames snin wara r-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja fil-Komunità f'konnessjoni mal-prodotti jew mas-servizzi li għalihom tkun reġistrata, jew jekk dan l-użu jkun ġie sospiż għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, it-trade mark Komunitarja għandha tkun soġġetta għas-sanzjonijiet li jipprovdi dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet xierqa għal dan in-nuqqas ta' użu."

8. Is-sanzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 huma speċifikati fl-Artikolu 51, bl-intestatura "Raġunijiet għal revoka" ta' dan ir-regolament. Fil-paragrafu 1(a) tiegħu, dan l-artikolu jipprovdi:

"1. Id-drittijiet tal-proprjetarju ta' trade mark [tal-Unjoni] għandhom jiġu ddikjarati bħala revokati malli ssir applikazzjoni lill-Uffiċċju jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni:

(a) jekk, għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, ma jkunx sar użu ġenwin mit-trade mark [fl-Unjoni] f'konnessjoni mal-prodotti jew servizzi li għalihom hija tkun reġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet siewja għal dan in-nuqqas ta' użu; madanakollu, l-ebda persuna ma tista' titlob li d-drittijiet tal-proprjetarju fit-trademark [tal-Unjoni] jiġu revokati jekk, waqt l-intervall bejn l-iskadenza tal-perjodu ta' ħames snin u l-preżentata tal-applikazzjoni jew tal-kontrotalba, użu ġenwin tat-trade mark ikun beda jew issokta; il-bidu jew l-issoktar ta' użu waqt perjodu ta tliet xhur qabel il-preżentata tal-applikazzjoni jew tal-kontrotalba li jkun beda l-iktar kmieni mal-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' ħames snin ta' nuqqas ta' użu għandu, madanakollu, ma jiġix meqjus jekk il-preparamenti għall-bidu jew għall-issoktar iseħħu biss wara li l-proprjetarju jsir jaf li l-applikazzjoni jew il-kontrotalba jistgħu jiġu preżentati;

[…]"

9. Ir-Regolament Nru 207/2009 ġie mħassar u ssostitwit bir-Regolament 2017/1001. Skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness III ta' dan l-aħħar regolament, l-Artikoli 15 u 51 tar-Regolament Nru 207/2009 jikkorrispondu, rispettivament, għall-Artikoli 18 u 58 tar-Regolament 2017/1001[5].

3 Regolament tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

4 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

5 Dwar l-ekwivalenza ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

III. Il-proċedura quddiem l-EUIPO

10. L-appellanti hija aventi kawża ta' kumpannija li ppreżentat, quddiem l-EUIPO, fit-30 ta' Settembru 2003, applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Boswelan bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, għal prodotti farmaċewtiċi u prodotti għall-kura tas-saħħa li jaqgħu fil-klassi 5 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni ta' Trade Marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Nice"). Ir-reġistrazzjoni tat-trade mark seħħet fl-24 ta' April 2007.

11. Fl-24 ta' Ottubru 2010, l-appellanti ppreżentat applikazzjoni għal prova klinika li tirrigwarda prodott mediċinali intiż għall-kura tal-isklerożi multipla, li jappartjeni għall-kategorija usa' tal-prodotti farmaċewtiċi u tal-prodotti għall-kura tas-saħħa. Id-data preċiża tat-tlestija tal-imsemmija prova ma ġietx stabbilita.

12. Fit-18 ta' Novembru 2013, Hecht-Pharma ressqet talba għar-revoka tat-trade mark ikkontestata għall-prodotti kollha li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata minħabba li ma kienx sar użu ġenwin tagħha għal perijodu mhux interrott ta' ħames snin qabel it-tressiq tal-imsemmija talba.

13. Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Settembru 2014, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO rrevokat id-drittijiet tal-appellanti għall-prodotti kollha rreġistrati.

14. Fis-6 ta' Novembru 2014, l-appellanti appellat quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.

15. Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad dan l-appell.

16. Il-Bord tal-Appell qies, fl-ewwel lok, li l-provi prodotti mill-appellanti ma kinux tali li juru użu ġenwin tat-trade mark ikkontestata fi ħdan l-Unjoni Ewropea u, fit-tieni lok, li f'dan il-każ it-twettiq ta' prova klinika ma kienx, waħdu, raġuni indipendenti mill-volontà tal-appellanti li tiġġustifika n-nuqqas ta' użu tat-trade mark ikkontestata.

IV. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

17. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Mejju 2016, l-appellanti ppreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża inkwantu din tal-aħħar irrevokat it-trade mark ikkontestata fir-rigward tal-prodotti mediċinali għall-kura tal-isklerożi multipla, li huma inklużi fil-kategorija usa' tal-"prodotti farmaċewtiċi u tal-prodotti għall-kura tas-saħħa". Fil-kuntest ta' dak ir-rikors l-appellanti invokat tliet motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, inkwantu l-Bord tal-Appell qies b'mod żbaljat li l-fatti u l-provi prodotti ma kinux suffiċjenti sabiex juru użu ġenwin tat-trade mark ikkontestat għall-prodotti mediċinali intiżi għall-kura tal-isklerożi multipla, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, inkwantu l-Bord tal-Appell qies b'mod żbaljat li l-fatti u l-provi prodotti ma kinux suffiċjenti biex juru raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu tal-imsemmija trade mark għal dak li kien jirrigwarda l-istess prodotti mediċinali u, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009 u, b'mod iktar partikolari, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal- aspettattivi leġittimi, inkwantu l-Bord tal-Appell ma żammx mal-linji gwida li jirrigwardaw l-eżami quddiem l-EUIPO.

18. B'mod konformi mal-motivi tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

V. It-talbiet tal-partijiet

19. Fl-appell tagħha, l-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali, u tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż jew, sussidjarjament, tirriżerva d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

20. L-EUIPO u Hecht-Pharma jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

VI. Analiżi

A. Osservazzjoni preliminari dwar l-applikazzjoni ratione temporis tar-regolamenti dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea

21. Nirrileva li, fl-appell tagħha, l-appellanti tindika li l-aggravji tagħha huma bbażati fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2017/1001. Hija tqis li, skont l-Artikolu 211 ta' dan ir-regolament, fid-data li fiha ngħatat is-sentenza appellata, jiġifieri l-15 ta' Settembru 2017, ir-Regolament Nru 207/2009 kien ġie mħassar u ssostitwit bir-Regolament 2017/1001. Barra minn hekk, fir-risposta tagħha, Hecht-Pharma tirreferi wkoll għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-aħħar regolament. Min-naħa l-oħra, l-EUIPO jinvoka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009.

22. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rilevat li l-appellanti ma tressaq ebda aggravju li bih tikkritika lill-Qorti Ġenerali li adottat is-sentenza appellata fuq bażi legali żbaljata jew applikat dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament 2017/2001 b'mod żbaljat. Fi kwalunkwe każ, is-sentenza appellata ġiet adottata fil-15 ta' Settembru 2017, jiġifieri wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2017/2001 (is-6 ta' Lulju 2017), imma qabel id-data li minnha beda japplika (l-1 ta' Ottubru 2017)[6]. Għaldaqstant, kien l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 li kien japplika meta ġiet adottata s-sentenza appellata[7].

6 Mill-bqija, huwa minnu li t-talba għal revoka li wasslet għall-proċeduri li fil-kuntest tagħhom ġew adottati d-deċiżjonijiet tal-EUIPO u s-sentenza appellata, kienet tressqet fit-18 ta' Novembru 2013, jiġifieri taħt il-kamp tar-Regolament Nru 207/2009. Madankollu, f'sitwazzjoni simili, li tirrigwarda r-rabta bejn ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17 Vol 1, p. 146) u r-Regolament Nru 207/2009, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009, li kien applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-EUIPO, u, għaldaqstant, fil-mument tal-adozzjoni tas-sentenza appellata, filwaqt l-proċedimenti ta' revoka inkwistjoni kienu nbdew taħt il-kamp tar-Regolament Nru 40/94. Ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Centrotherm Systemtechnik vs centrotherm Clean Solutions, C-609/11 P, EU:C:2013:592. F'dan ir-rigward, il-Qorti ddikjarat, fil-punt 31 ta' din is-sentenza: "Madankollu, peress li [Regolament Nru 207/2009] ikkodifika r-Regolament Nru 40/94 u ma saret l-ebda emenda lid-dispożizzjonijiet rilevanti tiegħu waqt din il-kodifikazzjoni, ser isir riferiment esklużiv, fil-kumplament tas-sentenza preżenti, għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009". Ara wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawżi Centrotherm Systemtechnik vs centrotherm Clean Solutions (C-609/11 P u C-610/11 P, EU:C:2013:308, punt 4).

7 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2018, Repower vs EUIPO – repowermap.org (REPOWER) (T-727/16, EU:T:2018:88, punt 27).

23. Barra minn hekk, l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001, imsemmi fil-kuntest tal-appell, jikkorrispondi għall-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009. Bl-istess mod, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament 2017/1001 jirriproduċi l-kliem tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009[8]. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jintroduċu l-obbligu ta' użu tat-trade mark u, fl-assenza ta' raġuni ġġustifikata, jirreferu għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-konsegwenzi għan-nuqqas ta' użu. Inbid antik fi fliexken ġodda[9].

24. Għaldaqstant, l-analiżi li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009 hija, fil-fehma tiegħi, trasponibbli għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2017/1001. Għal din ir-raġuni, ser nirreferi f'dawn il-konklużjonijiet għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 207/2009 u għall-ekwivalenti tagħhom tar-Regolament 2017/1001. Bl-istess mod, ser inqis ir-riferimenti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2017/1001, magħmula mill-appellanti u Hecht-Pharma, bħala magħmula wkoll għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament Nru 207/2009.

B. Fuq l-appell

25. L-appellanti tressaq żewġ aggravji fil-kuntest tal-appell tagħha.

26. L-ewwel aggravju, li huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001), huwa maqsum f'żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, l-appellanti tikkontesta l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li użu xieraq sabiex jinżammu d-drittijiet għal prodott mediċinali jkun jista' jeżisti biss meta ATS għal prodott mediċinali li għalih it-trade mark tkun ġiet irreġistrata tkun ġiet miksuba mill-proprjetarju ta' din it-trade mark. Permezz tat-tieni parti, l-appellanti tikkritika s-sentenza appellata inkwantu l-Qorti Ġenerali qieset li l-użu ta' trademark fil-kuntest ta' prova klinika ma kienx jikkostitwixxi użu ġenwin.

27. Għandu jiġi osservat li dawn iż-żewġ partijiet jirrigwardaw sitwazzjonijiet differenti. It-tieni parti tirrigwarda biss l-użu ta' trade mark fil-kuntest ta' prova klinika, filwaqt li l-ewwel parti tirrigwarda, b'mod iktar ġenerali, l-użu preċedenti għall-ATS. Dan premess, skont l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, li jinsabu ssintesizzati fil-punt 40 tas-sentenza appellata, l-appellanti ma kinitx f'pożizzjoni li tibbaża ruħha fuq atti oħra ħlief dawk relatati mal-proċedura tal-prova klinika.

28. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001) meta eskludiet l-eżistenza ta' raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu tat-trade mark ikkontestata fis-sitwazzjoni fejn il-prodott li għalih kienet ġiet irreġistrata t-trade mark ikun is-suġġett ta' prova klinika.

C. Fuq l-ammissibbiltà tal-aggravji

29. Fir-risposta tagħha Hecht-Pharma tindika li l-aggravji mressqa mill-appellanti huma intiżi sabiex issir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u taċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami. Dawn l-aggravji huma, għaldaqstant, manifestament inammissibbli.

8 Barra minn hekk, l-istess japplika għal dak li jirrigwarda t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament 2017/1001 li huwa kważi identiku għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009. L-unika differenza hija ż-żieda, għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tar-Regolament 2017/1001, tal-kliem segwenti: "irrispettivament minn jekk it-trademark fl-għamla kif tintuża hijiex ukoll irreġistrata jew le fl-isem tal-proprjetarju". Barra minn hekk, il-premessa 25 tar-Regolament 2017/1001 ma għandhiex l-ekwivalenti tagħha fir-Regolament Nru 207/2009. Din hija fformulata kif ġej: "Għal raġunijiet ta' ekwità u ċertezza legali l-użu ta' trademark tal-UE f'għamla li tvarja f'elementi li ma jibdlux in-natura distintiva ta' dik il-marka, fl-għamla li fiha tkun ġiet irreġistrata jenħtieġ li jkun biżżejjed biex jippreserva d-drittijiet mogħtija irrispettivament minn jekk it-trademark fl-għamla kif tintuża hijiex ukoll irreġistrata". Issa s-sitwazzjoni tal-appellanti ma tikkorrispondix ma' dik esposta f'din il-premessa. Xejn ma jindika li l-appellanti użat it-trade mark ikkontestata f'għamla li hija differenti minn dik li taħtha ġiet irreġistrata.

9 Għaldaqstant, din il-kawża mhux ser tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar l-applikabbiltà, fil-kuntest ta' proċedura mibdija taħt il-kamp tar-Regolament Nru 207/2009, tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2017/1001 li ma għandhomx l-ekwivalenti tagħhom fir-regolament li ppreċedih. Għal dak li jirrigwarda problema simili, ara l-kawża Textilis (C-21/18, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

30. Huwa minnu li, f'appell li wassal għad-digriet Martín Osete vs EUIPO [10], appellanti kienet ikkritikat lill-Qorti Ġenerali li adottat definizzjoni eċċessivament restrittiva tal-kunċett ta' "raġunijiet iġġustifikati għan-nuqqas ta' użu" fis-sens tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament Nru 207/2009. B'mod iktar preċiż, hija kienet indikat li ċerti regolamenti kienu jirrendu eċċessivament diffiċli l-kummerċjalizzazzjoni tal-fwieħa li għaliha kienet ġiet irreġistrata t-trade mark.

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset f'dak id-digriet li, taħt il-kappa ta' żball ta' interpretazzjoni tal-kunċett ta' "raġunijiet iġġustifikati għan-nuqqas ta' użu", l-appellanti riedet, fir-realtà, tikkontesta l-evalwazzjonijiet ta' natura fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-aggravju inkwistjoni bħala manifestament inammissibbli. Fil-fatt, fl-appell tagħha, l-appellanti kienet iffokat fuq kollox, fil-fehma tiegħi, fuq il-provi sabiex turi li l-eżistenza ta' raġunijiet iġġustifikati kienet, fil-fehma tagħha, murija b'mod ċar [11].

32. Madankollu, f'din il-kawża, l-appellanti tirreferi għall-interpretazzjoni – bħala tali – tal-kunċetti ta' "użu ġenwin" u ta' "raġunijiet iġġustifikati għan-nuqqas ta' użu" fis-sens tar-Regolament Nru 207/2009 (Regolament 2017/1001) fil-kuntest ta' proċedimenti ta' revoka li jirrigwardaw t-trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, li l-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar tiegħu kienu pprojbiti sal-ATS. Għaldaqstant, l-eżami tal-aggravji jeżiġi li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009 (Regolament 2017/1001) jiġu interpretati fid-dawl tar-regoli li jirregolaw il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fi ħdan l-Unjoni.

33. Konsegwentement, jidhirli li l-aggravji ta' dan l-appell ma humiex intiżi li jiksbu evalwazzjoni ġdida tal-fatti u taċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, imma jqajmu punti ta' liġi. Għaldaqstant, dawn huma ammissibbli.

D. Fuq il-mertu

1. Fuq l-ewwel aggravju

a) Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju

1) Il-pożizzjonijiet tal-partijiet

34. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, li stabbilixxiet, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, prinċipju li skontu użu xieraq sabiex jinżammu d-drittijiet mogħtija minn trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali jista' jeżisti biss meta l-ATS tkun inkisbet. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-punt dwar jekk użu huwiex suffiċjenti jiddependi minn evalwazzjoni ta' każ b'każ [12].

10 Digriet tat-22 ta' Frar 2018, Martín Osete vs EUIPO (C-529/17 P, mhux ippubblikat, EU:C:2018:105).

11 Ara, b'mod partikolari, il-punt 27 tal-appell li wassal għad-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Martín Osete vs EUIPO (C-529/17 P, mhux ippubblikat, EU:C:2018:105), li fih l-appellanti kkritikat il-kunsiderazzjoni tal-Qorti Ġenerali li skontha "il-provi prodotti mill-proprjetarju tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw ir-restrizzjonijiet regolatorji li dan iltaqa' magħhom ma wrewx (b'mod suffiċjenti) li kienu jeżistu raġunijiet iġġustifikati għan-nuqqas ta' użu matul il-perijodu speċifiku". Bl-istess mod, fil-punt 29 ta' dak l-appell, l-appellanti indikat li "għandu jitfakkar u jiġi enfasizzat li l-eżistenza ta' raġunijiet iġġustifikati hija madankollu murija b'mod ċar permezz tad-diversi provi miġbura".

12 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI (C-234/06 P, EU:C:2007:514, punt 73). Sabiex turi din il-linja ta' ġurisprudenza, l-appellanti tinvoka wkoll id-digriet tas-27 ta' Jannar 2004, La Mer Technology (C-259/02, EU:C:2004:50, punti 21 u 24), u s-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Recaro vs UASI – Certino Mode (RECARO) (T-524/12, mhux ippubblikata, EU:T:2013:604, punti 25 u 26).

35. Filwaqt li tikkritika l-prinċipju allegatament stabbilit mill-Qorti Ġenerali, l-appellanti ssostni, fit-tieni lok, li l-atti mwettqa fil-kuntest ta' provi kliniċi, li jikkostitwixxu parti mill-proċedura għal ATS, kienu legali [13].

36. Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, l-appellanti ssostni li, meħud kont tal-partikolaritajiet tas-settur farmaċewtiku, perijodu ta' ħames snin għandu jkun ikklassifikat bħala qasir wisq.

37. Min-naħa l-oħra, il-EUIPO u, jekk wieħed jippreżumi li l-ewwel aggravju huwa ammissibbli, Hecht-Pharma jqisu li l-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija infondata.

38. L-EUIPO jsostni b'mod partikolari li, b'kuntrast ma' dak li tafferma l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma qisitx il-ksib tal-ATS skont il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti farmaċewtiċi bħala rekwiżit *indispensabbli* għall-finijiet tal-eżistenza ta' użu ġenwin.

39. Hecht-Pharma, min-naħa tagħha, tqis b'mod partikolari li t-trade mark ikkontestata għandha tkun is-suġġett ta' użu għall-prodotti li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata. F'dan il-każ, għandu għaldaqstant jiġi evalwat jekk din it-trade mark kinitx użata għal prodott mediċinali intiż għall-kura tal-isklerożi multipla. Użu ġenwin għal tali prodott mediċinali jista' jiġi pprovat biss jekk il-prodott inkwistjoni kien effettivament prodott mediċinali. Issa, huwa biss fi tmiem il-prova klinika mwettqa mill-appellanti li jkun possibbli li jiġi stabbilit jekk il-prodott ittestjat jikkostitwixxix prodott mediċinali fis-sens ta' din id-definizzjoni. L-użu ta' dan il-prodott fil-kuntest tal-prova klinika ma jistax għaldaqstant jikkostitwixxi użu ġenwin tat-trade mark ikkontestata għal prodott mediċinali.

2) Evalwazzjoni

40. Għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tal-appellanti li bih hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li stabbilixxiet prinċipju li skontu l-użu xieraq sabiex jinżammu d-drittijiet jista' jeżisti biss meta tkun inkisbet l-ATS, jidhirli, l-istess bħall-EUIPO, li dan huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

41. Ċertament, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li biss il-ksib tal-ATS kien tali li jippermetti użu pubbliku u ddirezzjonat lejn l-estern tat-trade mark ikkontestata.

42. Madankollu, fil-punti 37 sa 39 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet analiżi tas-sitwazzjoni tal-appellanti, minkejja l-fatt li hija ma kinitx irċeviet l-ATS. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma qieset li, fl-assenza ta' din l-ATS, trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali ma setgħatx tkun is-suġġett ta' "użu ġenwin" fis-sens tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001). Barra minn hekk, it-tieni parti tal-ewwel aggravju tikkritika l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, magħmula prinċipalment fil-punt 39 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, l-analiżi ta' din il-parti ser tagħti l-okkażjoni li tiġi evalwata l-validità tal-prinċipju allegatament stabbilit mill-Qorti Ġenerali, tal-inqas inkwantu dan il-prinċipju jirrigwarda l-użu ta' trade mark fil-kuntest ta' provi kliniċi.

43. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-legalità tal-atti mwettqa matul il-provi kliniċi, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-legalità tal-atti li fil-kuntest tagħhom tintuża trade mark ma tittrasformax awtomatikament dawn l-atti f'atti ta' użu ġenwin ta' din it-trade mark [14].

13 F'dan il-kuntest l-appellanti tirreferi għal prova klinika bħala tali, kif ukoll għall-atti mwettqa fil-kuntest ta' din il-prova, jiġifieri l-konsenja ta' iktar minn 400 000 kapsula bit-trade mark "Boswelan" lil klinika universitarja, il-fatturazzjoni tal-prodotti minn impriża terza li taġixxi bħala intermedjarja kif ukoll l-użu tat-trade mark waqt ir-reklutaġġ ta' parteċipanti għall-provi u fil-kuntest tad-data li tirrigwarda l-imsemmija provi aċċessibbli għall-pubbliku.

14 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Ansul (C-40/01, EU:C:2002:412, punt 49).

44. Fit-tielet lok, inqis li l-argument tal-appellanti dwar l-insuffiċjenza tat-terminu ta' ħames snin lanqas ma jista' jiġi milqugħ.

45. It-terminu ta' ħames snin, kif previst fl-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001), japplika indipendentement mis-settur ekonomiku li taħtu jaqgħu l-prodotti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark kienet ġiet irreġistrata. Madankollu, għandu jittieħed kont tal-partikolaritajiet ta' settur ekonomiku meta ssir l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi li jikkostitwixxu (jew le) użu ġenwin skont is-suq tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati. Fi kwalunkwe każ, ser nittratta din il-problema fil-kuntest tal-analiżi ddedikata għat-tieni parti tal-ewwel aggravju. Barra minn hekk, iċ-ċirkustanzi li fihom it-terminu ta' ħames snin isir insuffiċjenti sabiex jinbeda l-użu ġenwin ta' trade mark jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tar-raġunijiet li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' użu, li għalihom ser nirreferi fil-kuntest tal-analiżi li tirrigwarda t-tieni aggravju.

46. Għaldaqstant, inqis li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija infondata.

b) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju

1) Il-pożizzjonijiet tal-partijiet

47. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li qieset, fil-punt 39 tas-sentenza appellata, li l-użu ta' trade mark fil-kuntest ta' prova klinika jikkostitwixxi użu purament intern u li tali atti ta' użu ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jitqiesu bħala ġenwini fis-sens tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament Nru 2017/1001).

48. L-appellanti żżid li l-obbligu ta' użu ta' trade mark irreġistrata ma huwiex għan fih innifsu u li r-rekwiżit ta' użu għandu l-għan li ma jgħabbix lir-reġistru bi trade marks mhux użati. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "użu" għandha għaldaqstant tkun is-suġġett ta' ċerta flessibbiltà, kif jixhdu l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament 2017/1001) u l-premessa 25 tar-Regolament 2017/1001 [15], li jippreċiżaw li l-użu ta' trade mark f'għamla li hija differenti minn dik li taħtha ġiet irreġistrata għandu jkun suffiċjenti sabiex jippreżerva d-drittijiet mogħtija.

49. L-EUIPO u Hecht-Pharma jikkontestaw il-fondatezza tat-tieni parti tal-ewwel aggravju.

50. L-EUIPO jallega li l-użu ġenwin għandu jkun eskluż peress li, kif tajjeb iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti farmaċewtiċi jipprojbixxu r-reklamar ta' prodott mediċinali li jkun għadu ma ġiex awtorizzat u jirrendu għaldaqstant impossibbli, fid-dritt, użu li jippermetti li jinkiseb sehem mis-suq. Skont l-EUIPO, l-elementi l-oħra msemmija mill-Qorti Ġenerali, jiġifieri ċ-ċirku ristrett ta' parteċipanti u n-natura interna tal-użu, ma kinux deċiżivi. Għaldaqstant, l-argumenti mressqa mill-appellanti għal dan il-għan ma jistgħux jiġu milqugħa.

51. Hecht-Pharma żżid, b'mod partikolari, li prova klinika tikkostitwixxi prova preparatorja għall-applikazzjoni għal ATS għal prodott bħala prodott mediċinali. Tali prova preparatorja la għandha bħala suġġett u lanqas bħala għan li tiddefendi jew tirbaħ xi sehem mis-suq, imma hija intiża biss li turi l-effikaċità tal-prodott. Peress li l-prova ssir b'mod aleatorju, fil-għama u kkontrollata mill-plaċebo, il-parteċipanti nfushom la jkunu jafu xi prodott hu u lanqas ta' liema ditta hu.

52. Barra minn hekk, Hecht-Pharma tindika li l-kunċett ta' "użu ġenwin" ma jistax ikun is-suġġett ta' ċerta flessibbiltà. Fil-fatt, il-premessa 25 tar-Regolament 2017/1001 tirrigwarda kwistjoni differenti.

15 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

2) Evalwazzjoni

i) Osservazzjonijiet preliminari

53. B'kuntrast ma' dak li ssostni l-appellanti, il-punt 39 tas-sentenza appellata ma huwiex ibbażat fuq il-premessa li l-użu ta' trade mark fil-kuntest ta' prova klinika huwa ta' natura interna u, għal din ir-raġuni, ma jistax jitqies bħala ġenwin minħabba biss li jirrigwarda numru limitat ta' destinatarji. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, l-użu tat-trade mark ikkontestata fil-kuntest ta' prova klinika fil-konfront ta' terzi ma setax jitqabbel ma' tqegħid fis-suq u lanqas ma' att preparatorju dirett anki minħabba li dan iseħħ barra minn kull kompetizzjoni, u mingħajr il-ħsieb li jinkisbu jew jiġu ppreżervati xi ishma mis-suq.

54. Għaldaqstant, inqis li, permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tixtieq turi, essenzjalment, li għandha tingħata risposta fl-affermattiv lid-domanda dwar jekk l-użu ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali fil-kuntest ta' prova klinika li tirrigwarda dan il-prodott mediċinali jistax, b'kuntrast ma' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 39 tas-sentenza appellata, ikun ikklassifikat bħala "użu ġenwin" fis-sens tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001).

55. Din id-domanda diġà saret u ngħatat risposta għaliha fid-duttrina. B'mod iktar preċiż, ingħad b'mod partikolari li t-twettiq ta' provi kliniċi qabel l-ATS ma jikkostitwixxix użu ġenwin, peress li tali provi ma għandhomx natura esterna [16]. Barra minn hekk, jidhirli li din hija wkoll l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-direttivi dwar is-sistema tat-trade marks nazzjonali adottata mill-qrati nazzjonali [17]. Madankollu, sa fejn naf jien, il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar din il-problema.

ii) Natura tal-użu ġenwin fid-dawl tal-ġurisprudenza

56. Jirriżulta mill-ġurisprudenza li trade mark hija s-suġġett ta' użu ġenwin meta tintuża, fl-ewwel lok, sabiex toħloq jew iżżomm suq għal prodotti jew servizzi li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata, bl-esklużjoni ta' użi ta' natura simbolika li għandhom l-uniku għan li jżommu d-drittijiet mogħtija mit-trade mark u, fit-tieni lok, b'konformità mal-funzjoni essenzjali tagħha [18].

57. Ir-rekwiżiti li jirrigwardaw, fl-ewwel lok, ir-*raġuni* kummerċjali tat-trade mark u, fit-tieni lok, il-funzjoni essenzjali tagħha huma kumulattivi.

16 Ara, b'mod partikolari, Sitko, J. J., "Special Criteria of Trade Mark Protection with Regard to Pharmaceutical Products in the European Union Legal System", *International Review of Intellectual Property and Competition Law*, 2014, Nru 6, p. 667 u 668; Trzebiatowski, M., *Obowiązek używania znaku towarowego. Studium z prawa polskiego na tle prawnoporównawczym*, C.H. Beck, Warszawa 2007, p. 147 u 148.

17 Fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 1999, I ZB 17/97 (Neue Juristische Wochenschrift 2000, 1487), il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) iddeċidiet problema simili fil-kuntest tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni Ġermaniża li tittrasponi fid-dritt intern l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92). Fil-punti 18 u 19 ta' dik is-sentenza, dik il-qorti indikat li l-użu ta' trade mark fil-kuntest ta' proċedura għall-ħruġ ta' liċenzji għal prodotti mediċinali ma jistax jitqies bħala użu ġenwin. Madankollu, hija indikat ukoll li l-eżekuzzjoni ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni prevista tista', bħala -prinċipji, titqies bħala raġuni leġittima għan-nuqqas ta' użu. Bl-istess mod, il-qrati Franċiżi rrikonoxxew li applikazzjoni għal ATS, li hija l-konsegwenza loġika tal-provi kliniċi, tikkostitwixxi raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali suġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni (ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 1999, tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti Reġjonali ta' Pariġi, Franza), it-Tielet Awla, Almonda Sociedade Gestora de participacoes sociais vs Opfermann Arzneimittel GmbH, PIBD 1999 682 III-354). Għaldaqstant, wieħed jista' jiddeduċi minn dawn is-sentenzi li użu, fil-kuntest ta' provi kliniċi, ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali ttestjat ma jikkostitwixxix użu ġenwin.

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, W. F. Gözze Frottierweberei u Gözze (C-689/15, EU:C:2017:434, punt 37).

58. Min-naħa, il-protezzjoni tat-trade mark ma tistax tkompli jekk it-trade mark titlef ir-raġuni kummerċjali tagħha, li hija li toħloq jew iżżomm suq għall-prodotti jew servizzi li jkollhom is-sinjal li jikkostitwixxiha, meta mqabbla mal-prodotti jew mas-servizzi li joriġinaw minn impriżi oħra [19]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li trade mark tintuża sabiex jinħoloq jew jinżamm suq għall-prodotti jew għas-servizzi li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata u mhux bil-għan biss li jinżammu d-drittijiet mogħtija mit-trade mark ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li jeżisti "użu ġenwin". Huwa daqstant indispensabbli li l-użu tat-trade mark isir skont il-funzjoni essenzjali tagħha, li hija li tiggarantixxi l-identità ta' oriġini ta' prodott jew ta' servizz lill-konsumatur jew lill-utent finali, billi tippermettilu jiddistingwi, mingħajr il-possibbiltà ta' konfużjoni, dan il-prodott jew dan is-servizz minn dawk li għandhom oriġini oħra [20].

59. Użu li jikkonsisti fil-ħolqien jew żamma ta' suq għall-prodotti jew servizzi għandu, min-natura tiegħu, ikun intiż lejn l-estern. L-istess japplika għat-twettiq mit-trade mark tal-funzjoni essenzjali tagħha. It-twettiq ta' din il-funzjoni jippreżumi l-preżenza tat-trade mark fis-suq u, konsegwentement, l-espożizzjoni tal-pubbliku għal dik it-trade mark.

60. Għandu jiġi rrilevat li ma jistax jiġi dedott, minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, li l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom kienet ġiet irreġistrata t-trade mark hija indispensabbli sabiex jiġi konkluż li jeżisti użu ġenwin.

61. Fil-fatt, kif jirriżulta mis-sentenza Ansul [21], l-użu ġenwin ta' trade mark irreġistrata jista' jirriżulta f'żewġ sitwazzjonijiet, jiġifieri dik fejn il-prodotti huma diġà kkummerċjalizzati u dik fejn il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom hija imminenti. Dak l-użu, li jiġi qabel il-kummerċjalizzazzjoni bħala tali, għandu jikkonsisti f'preparamenti li jsiru sabiex tiġi kkonkwistata klijentela.

62. Dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet għandhom punti komuni. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-punt 37 tas-sentenza Ansul [22], li l-"użu ġenwin" tat-trade mark *jippreżumi użu tagħha fis-suq tal-prodotti jew tas-servizzi protetti* mit-trade mark u mhux biss fi ħdan l-impriża kkonċernata. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat dawn il-kunsiderazzjonijiet fis-sentenza Verein Radetzky-Orden [23], billi ddistingwiet żewġ tipi ta' każijiet: *użu tat-trade marks sabiex jiġu identifikati u promossi l-prodotti tagħha jew is-servizzi tagħha qalb il-pubbliku ġenerali, min-naħa, u użu limitat għal użu intern* tat-trade marks, min-naħa l-oħra.

63. Jidhirli li huwa sintomatiku li, fis-sentenza Ansul [24], il-Qorti tal-Ġustizzja tat bħala eżempju l-użu ta' trade mark fil-kuntest ta' kampanji pubbliċitarji sabiex turi użu preċedenti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata. Fil-fatt, dan l-eżempju juri sewwasew użu preċedenti, imma juru wkoll użu ġenwin. Konsegwentement, it-tnedija ta' kampanji pubbliċitarji, li jinvolvu trade mark, ma timplikax awtomatikament l-eżistenza ta' użu ġenwin. Madankollu, dan l-eżempju juri li, anki f'fażi preċedenti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti jew ta' servizzi, l-atti ta' użu għandhom ikollhom natura esterna u, fl-istess ħin, jipproduċu effetti għall-pubbliku futur ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi [25].

19 Sentenza tal-15 ta' Jannar 2009, Silberquelle (C-495/07, EU:C:2009:10, punt 18). Ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Reber Holding vs UASI (C-141/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2089, punt 32) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li kull sfruttar kummerċjali li jkun seħħ ma jistax jiġi kklassifikat awtomatikament bħala "użu ġenwin" tat-trade mark ikkontestata.

20 Sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, W. F. Gözze Frottierweberei u Gözze (C-689/15, EU:C:2017:434, punti 39 sa 41). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Pandalis vs EUIPO (C-194/17 P, EU:C:2018:725, punt 65).

21 Sentenza tal-11 ta' Marzu 2003 (C-40/01, EU:C:2003:145).

22 Sentenza tal-11 ta' Marzu 2003 (C-40/01, EU:C:2003:145).

23 Sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008 (C-442/07, EU:C:2008:696, punt 23).

24 Sentenza tal-11 ta' Marzu 2003 (C-40/01, EU:C:2003:145).

25 Ara, f'dan is-sens, Trzebiatowski, M., "Pojęcie rzeczywistego używania znaku towarowego (orzecznictwo krajowe na tle orzecznictwa wspólnotowego)", *Europejski Przegląd Sądowy*, 2010, p. 22.

64. Għaldaqstant, kull użu ġenwin huwa, essenzjalment, intiż lejn l-estern. Min-naħa l-oħra, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma jirriżultax li kull użu estern ta' trade mark jikkostitwixxi użu ġenwin. Is-sempliċi fatt li trade mark tintuża fil-konfront ta' terzi ma jimplikax l-eżistenza ta' użu ġenwin. Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali użu, jeħtieġ, kif indikajt fil-punti 56 sa 59 ta' dawn il-konklużjonijiet, li jiġi eżaminat jekk att ta' użu estern jikkonsistix fil-ħolqien jew fiż-żamma ta' suq għall-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade mark kienet ġiet irreġistrata. Fil-kuntest ta' dan l-eżami, għandha ssir analiżi li tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, is-suq tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati.

iii) Teħid inkunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet ta' settur ekonomiku

65. Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, meta jkun qed jiġi eżaminat jekk kienx hemm użu ġenwin tat-trade mark, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk l-isfruttar kummerċjali tat-trade mark huwiex reali, b'mod partikolari, jekk tali użu huwiex ikkunsidrat bħala ġġustifikat *fis-settur ekonomiku kkonċernat* sabiex jinżamm jew jinħoloq *sehem fis-suq għall-prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark*[26]. L-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ tista' għaldaqstant tiġġustifika t-teħid inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tan-natura tal-prodott jew tas-servizz inkwistjoni, tal-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat, tal-portata u tal-frekwenza tal-użu tat-trade mark[27].

66. Għaldaqstant, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet ta' settur ekonomiku li fih topera trade mark ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha. F'dan ir-rigward, jidhirli li huwa xieraq li nagħmel ċerti rimarki fuq ir-regoli li jirregolaw is-settur tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fi ħdan l-Unjoni. Ċertament, il-kunċetti fir-regoli msemmija ma għandhomx neċessarjament l-istess tifsira bħall-kunċetti fid-dritt tat-trade marks. Madankollu, l-imsemmija regoli joħolqu l-kuntest li fih l-atturi ta' dan is-settur jistgħu jwettqu atti li jirrigwardaw prodotti mediċinali li għalihom ikunu ġew irreġistrati trade marks u huwa paċifiku li, sabiex jiġi kkonstatat l-użu ġenwin ta' trade mark, din għandha tkun intużat fis-suq tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati[28].

iv) Ir-regoli li jirregolaw il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem

67. Il-pern tas-sistema tar-regoli tal-Unjoni li jirregolaw is-settur tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem huwa kkostitwit mid-Direttiva 2001/83/KE[29] u mir-Regolament (KE) Nru 726/2004[30]. Dawn l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni jistabbilixxu prinċipju li skontu prodotti mediċinali ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq mingħajr ma tkun ingħatat ATS mill-awtorità kompetenti[31]. Barra minn hekk,

26 Sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul (C-40/01, EU:C:2003:145, punt 38).

27 Sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul (C-40/01, EU:C:2003:145, punt 39). Ara wkoll, id-digriet tas-27 ta' Jannar 2004, La Mer Technology (C-259/02, EU:C:2004:50, punt 23).

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2009, Silberquelle (C-495/07, EU:C:2009:10, punt 19).

29 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol 27, p. 69).

30 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol 34, p. 229).

31 Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83, l-ebda prodott mediċinali ma jista' jitqiegħed *fis-suq ta' Stat Membru* kemm-il darba ma tkunx inħarġet ATS mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, skont din id-direttiva, jew jekk ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni skont ir-Regolament 726/2004. Bl-istess mod, jirriżulta mill-Artikolu 76 tad-Direttiva 2001/83 li l-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura xierqa sabiex fit-territorju tagħhom jitqassmu biss prodotti mediċinali li għalihom tkun ingħatat ATS skont id-dritt tal-Unjoni. Ir-Regolament Nru 726/2004, min-naħa tiegħu, jipprovdi fl-Artikolu 3(1) tiegħu, li l-ebda prodott mediċinali li jidher fl-anness tiegħu ma jista' jitqiegħed fis-*suq fl-Unjoni* sakemm ma tingħatax ATS mill-Unjoni skont dan ir-regolament. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(2) ta' dan l-istess regolament, kull prodott mediċinali li ma jidhirx fl-anness jista' jingħata ATS mill-Unjoni skont dan ir-regolament, jekk: a) dan il-prodott mediċinali fih sustanza attiva ġdida li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, ma kinitx awtorizzata fl-Unjoni; jew (b) l-applikant juri li dan il-prodott mediċinali jikkostitwixxi innovazzjoni terapewtika, xjentifika jew teknika sinjifikattiva jew li l-għoti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament Nru 726/2004 huwa fl-interessi tas-saħħa tal-pazjenti jew tal-annimali fuq livell tal-Unjoni.

prodotti mediċinali ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' ebda forma ta' "informazzjoni bieb-bieb, attività ta' kkanvassjar jew inkoraġġiment bl-għan li jippromwovi l-preskrizzjoni, provvista, bejgħ jew konsum ta' prodotti mediċinali", b'mod partikolari, mal-pubbliku kif ukoll mal-persuni kkwalifikati sabiex jiktbuhom jew jipprovduhom [32].

68. F'din is-sistema, prova klinika tikkostitwixxi essenzjalment investigazzjoni, maħsuba sabiex tiskopri jew tivverifika l-effetti, inklużi l-effetti mhux mixtieqa, ta' prodott mediċinali u sabiex tistabbilixxi l-effikaċità u s-sigurtà tal-użu tiegħu [33]. Ir-riżultati ta' tali prova għandhom ikunu, skont l-Artikolu 8(3)(i) tad-Direttiva 2001/83, annessi mal-applikazzjoni għal ATS. Għaldaqstant, it-twettiq ta' provi kliniċi jiġi, bħala prinċipju, qabel il-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar tal-prodotti mediċinali msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83.

69. Barra minn hekk, prova klinika hija fil-prinċipju suġġetta għal eżami speċifiku u etiku u għandha tkun awtorizzata minn qabel [34]. Bl-istess mod, il-modifiki sostanzjali matul prova klinika huma suġġetti għall-kontroll tal-Istati Membri [35]. Barra minn hekk, l-isponsor ta' prova klinika huwa responsabbli għall-bidu, għall-immaniġġjar u għall-organizzazzjoni tal-iffinanzjar tagħha [36].

70. Sabiex nissintetizza din il-parti tal-analiżi tiegħi, jidhirli li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta approċċ li jillimita l-aċċess tal-konsumaturi u tal-utenti finali għall-prodotti mediċinali mhux awtorizzati sabiex jillimita r-riskji relatati mal-użu ta' tali prodotti mediċinali.

71. Barra minn hekk, l-użu ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali matul il-provi kliniċi jista', konsegwentement, jitqies biss bħala użu preċedenti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dan il-prodott mediċinali fis-sens tas-sentenza Ansul [37]. Bl-istess mod, huwa stabbilit, kif jirriżulta mill-punt 38 tas-sentenza appellata, li s-sitwazzjoni tal-appellanti tikkorrispondi għal dik ta' użu preċedenti għall-kummerċjalizzazzjoni. Il-prodotti li għalihom it-trade mark kienet ġiet irreġistrata, jiġifieri l-prodotti mediċinali għall-kura tal-isklerożi multipla, ma ġewx ikkummerċjalizzati, peress li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom kienet ipprojbita matul il-perijodu rilevanti [38].

32 Ara l-Artikolu 86(1) u l-Artikolu 87 tad-Direttiva 2001/83.

33 Ara l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' prattika korretta ta' klinika fit-twettiq ta' provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol 26, p. 299), kif ukoll l-Anness I ta' din id-direttiva sa fejn din tippreċiża l-kunċett ta' "prova klinika". Ara wkoll l-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' April 2014, dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE (ĠU 2014, L 158, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2016, L 311, p. 25 u fil-ĠU 2015, L 53, p. 31).

34 Ara l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2001/20 kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Regolament Nur 536/2014.

35 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2001/20 u l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 536/2014.

36 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2001/20 kif ukoll l-Artikolu 2(2)(14) tar-Regolament Nru 536/2014 li, għall-finijiet li jiddefinixxu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet, jiddefinixxu lill-isponsor bħala individwu, kumpannija, istituzzjoni jew organizzazzjoni responsabbli għall-bidu, għall-immaniġġjar u għall-organizzazzjoni tal-iffinanzjar tal-prova klinika.

37 Sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul (C-40/01, EU:C:2003:145, punt 37). Ara wkoll il-punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 Bl-istess mod, dawn huwa wkoll l-approċċ adottat mill-appellanti fl-appell tagħha. B'mod partikolari, fil-punt 17 tal-appell l-appellanti tindika li "huwa ċar li ċ-ċaħda ta' użu ġenwin ibbażata, essenzjalment, fuq l-argument biss li l-prodott inkwistjoni la jista' jiġi kkummerċjalizzat u lanqas promoss mal-pubbliku ġenerali hija żbaljata". Barra minn hekk, l-appellanti ssostni, għal dak li jirrigwarda t-tieni parti tal-ewwel aggravju, li, skont din is-sentenza, l-użu ġenwin jista' jeżisti meta l-kummerċjalizzazzjoni tkun fil-proċess ta' preparazzjoni u imminenti. Sussegwentement, hija tqis fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel aggravju li "[i]ndipendentement mill-punt dwar jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfatti f'dan il-każ, is-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja turi li użu ġenwin jista' jeżisti wkoll, anki fin-nuqqas ta' att indirizzat lil numru indefinit jew, talinqas, kbira ħafna ta' destinatarji". Għaldaqstant, huwa minnu li l-kunċetti użati fil-kuntest tad-Direttiva 2001/83 ma għandhomx neċessarjament jikkorrispondu ma' kunċetti użati fil-kuntest tad-dritt tat-trade marks. Madankollu, l-appellanti stess tidher li tqis li l-kunċett ta' "tqegħid fis-suq" fis-sens tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83 jikkorrispondi għall-kunċett ta' "kummerċjalizzazzjoni" użat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul (C-40/01, EU:C:2003:145).

v) It-trade marks irreġistrati għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem

72. Il-klassi 5 tal-Ftehim ta' Nice, li taħtha jaqgħu l-prodotti farmaċewtiċi u l-prodotti għall-kura tas-saħħa, tinkludi, kif tosserva d-duttrina, numru partikolarment għoli ta' reġistrazzjonijiet[39]. Barra minn hekk, jekk wieħed jemmen il-kummentarji tad-duttrina, l-atturi tas-settur farmaċewtiku jtendu jippreżentaw applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' trade marks għal prodotti mediċinali matul il-fażi inizjali tal-iżvilupp tagħhom[40]. Din l-għaġġla hija spjegata mix-xewqa li jingħata tagħrif liċ-ċrieki influwenti, peress li jkun jeżisti riskju li, matul il-fażi ta' żvilupp ta' prodott mediċinali, it-tobba u l-ispeċjalisti jiffokaw iktar fuq l-isem ġeneriku tiegħu, milli fuq it-trade mark[41].

73. Għandu jiġi indikat, f'dan il-kuntest, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni dan l-aġir tal-atturi tas-settur tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. Fil-fatt, id-Direttiva 2001/83 tirrikonoxxi, tal-inqas sa ċertu punt, ir-rwol li għandhom it-trade marks f'dan is-settur. Jirriżulta mill-Artikolu 1(20) ta' din id-direttiva li l-isem ta' prodott mediċinali jista' jkun isem komuni jew isem xjentifiku, flimkien ma' trade mark. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 89(1) tad-Direttiva 2001/83, ir-reklamar, li huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-prodotti mediċinali awtorizzati, għandu jinkludi, b'mod partikolari, isimhom.

74. Jirriżulta mid-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq li, f'ċerti każijiet, trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali tista' tiġi mħawwda mal-isem ta' dan il-prodott mediċinali. Għaldaqstant, tali trade mark tista tintuża fl-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-proprjetarju biss meta tkun inkisbet l-ATS għall-imsemmi prodott mediċinali.

vi) Konklużjoni parzjali dwar l-użu ta' trade mark matul il-provi kliniċi

75. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nirrileva, kif jirriżulta mill-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-leġiżlatur tal-Unjoni jrid jillimita l-aċċess tal-konsumaturi u tal-utenti finali għall-prodotti mediċinali mhux awtorizzati. Fis-sistema tar-regoli li jirregolaw il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, il-provi kliniċi jistgħu jixxebbhu ma' miżura ta' filtraġġ, li timpedixxi l-aċċess fis-suq tal-prodotti mediċinali mhux awtorizzati.

76. Bl-istess mod, minħabba r-rwol li għandhom it-trade marks irreġistrati għal tali prodotti mediċinali f'din is-sistema, l-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni huwa li jillimita wkoll l-interventi ta' tali trade marks fis-suq ikkonċernat. Għaldaqstant, l-espożizzjoni tal-pubbliku għal trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali li (għadu) mhux awtorizzat hija wkoll limitata kwalitattivament u kwantitattivament, tal-inqas sa fejn din it-trade mark tista' tkun preżenti fis-suq kompetittiv tal-prodotti mediċinali.

77. Għandu jiġi rilevat li, matul il-provi kliniċi, prodotti mediċinali mhux awtorizzati huma disponibbli għall-parteċipanti, kif ukoll għal persuni oħra involuti f'dawn il-provi. Ma neskludix li l-persuni li jappartjenu lil dawn iż-żewġ kategoriji jistgħu jassoċjaw il-prodott mediċinali u l-isem tiegħu u, għaldaqstant, it-trade mark irreġistrata għal dan il-prodott mediċinali mal-proprjetarju tagħha. Barra minn hekk, huma jistgħu jagħżlu u jiddeċiedu li jkunu involuti jew li ma jkunux involuti fi prova.

78. Issa, kif jirriżulta mill-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet, kull użu estern ta' trade mark ma jikkostitwixxix awtomatikament użu ġenwin. L-espożizzjoni għal din it-trade mark, li tista' toħloq suq għal prodotti li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata fis-suq ikkonċernat, għandha neċessarjament isseħħ fi ħdan dan is-suq.

39 Sitko, J. J., *op. cit.*, p. 658.

40 Mosback H., "Protection of Pharmaceutical Trade Marks in Europe", *Journal of Intellectual Property Law Practice*, 2013, Vol. 8, Nru 1, p. 71, Sitko, J. J., *op. cit.*, p. 658.

41 Mosback H., *op. cit.*, p. 71.

79. Ma naħsibx li dan huwa l-każ ta' trade mark użata fil-kuntest ta' prova klinika.

80. Fl-ewwel lok, fil-kuntest tal-provi kliniċi, prodotti mediċinali mhux awtorizzati ma humiex is-suġġett, bħala prinċipju, ta' distribuzzjoni jew ta' reklamar intiż li jippenetra s-suq tal-prodotti kkummerċjalizzati li jaqgħu taħt l-istess klassi bħalhom. Bl-istess mod, prova klinika, li tinvolvi investigazzjoni tar-riskji li jirrigwardaw l-użu ta' prodott mediċinali, fil-kundizzjonijiet suġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel, ma hijiex, u ma għandhiex tkun, forma ta' sfruttar kummerċjali ta' trade mark irreġistrata għal dan il-prodott mediċinali li tikkonsisti fil-ħolqien jew fiż-żamma ta' suq għall-imsemmi prodott mediċinali. Għaldaqstant, prova klinika ma tistax tiġi mxebbha lanqas ma' att preparatorju tal-kummerċjalizzazzjoni fis-sens tas-sentenza Ansul [42].

81. F'din il-linja ta' ħsieb, ma naħsibx li provi kliniċi ta' prodott mediċinali fuq skala kbira jkunu jistgħu jikkostitwixxu użu ġenwin ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali ttestjat. Kif jirriżulta mill-premessa 10 tad-Direttiva 2001/83, l-intenzjoni tal-leġiżlatur hija li jevita provi kliniċi li ma humiex neċessarji [43]. Fil-fatt, l-iskala ta' prova klinika hija stabbilita mhux permezz ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali imma permezz tan-neċessità xjentifika. Barra minn hekk, din l-iskala hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni ta' Stat Membru [44]. Inqis għaldaqstant li l-assenza ta' użu ġenwin tirriżulta iktar minn karatteristiċi kwalitattivi tal-użu ta' trade mark fil-kuntest tal-provi kliniċi iktar milli mill-karatteristiċi kwantitattivi tagħha.

82. Fit-tieni lok, l-espożizzjoni għat-trade mark, kif ukoll l-għażla magħmula mill-parteċipanti u minn persuni oħra involuti fi prova klinika huma marbutin prinċipalment mhux mal-karatteristiċi tal-prodott, mal-provenjenza tiegħu jew ukoll mal-istrateġija kummerċjali tal-proprjetarju, imma mar-rieda li jipparteċipaw f'investigazzjoni li tirrigwarda dan il-prodott mediċinali. Jidhirli sintomatiku f'dan il-kuntest li, kif indikat il-Qorti Ġenerali fil-punt 59 tas-sentenza appellata, f'dan il-każ, l-investiment finanzjarju għandu rwol deċiżiv fir-rigward tar-reklutaġġ tal-parteċipanti u ta' persuni oħra involuti fil-prova klinika. Mill-bqija, f'ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali, it-trade mark ikkontestata kienet ġiet irreġistrata għal prodotti li jaqgħu fil-klassi 5 tal-Ftehim ta' Nice, jiġifieri prodotti farmaċewtiċi u prodotti għall-kura tas-saħħa. Għaldaqstant, din it-trade mark kellha toħloq suq mhux għal riċerka xjentifika imma għal prodotti li jappartjenu lil din il-klassi.

83. Fl-aħħar nett, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux ikunu kkontestati bl-argument tal-appellanti li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "użu ġenwin" għandha tkun is-suġġett ta' ċerta flessibbiltà minħabba li, skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament 2017/1001), il-leġiżlatur tal-Unjoni jaċċetta l-użu ta' trade mark f'forma li hija differenti minn dik li għaliha hija kienet ġiet irreġistrata. L-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li jippermettu lil proprjetarju ta' trade mark irreġistrata jagħmel fir-rigward tas-sinjal, meta jisfruttah kummerċjalment, il-varjazzjonijiet li, mingħajr ma jbiddlu l-karattru distintiv tiegħu, jippermettu li dan jiġi adattat aħjar għar-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati [45]. Għalkemm hija permessa ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-forma ta' trade mark, din ma tistax madankollu tirrigwarda l-karatteristiċi li jirrigwardaw in-natura ġenwina tal-użu. Tali użu għandu, fi kwalunkwe każ, jissodisfa r-rekwiżiti esposti fil-punti 56 sa 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.

84. Sabiex nissintetizza, inqis li l-użu ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali ttestjat fil-kuntest ta' provi kliniċi ma jikkostitwixxix użu ġenwin ta' din it-trade mark. Dan premessa, inqis li, fin-nuqqas ta' ATS, trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali li jkun is-suġġett ta' prova klinika ma tistax, fi kwalunkwe każ, tintuża b'mod ġenwin.

42 Sentenza tal-11 ta' Marzu 2003 (C-40/01, EU:C:2003:145, punt 37).

43 Ara wkoll, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Olainfarm (C-104/13, EU:C:2014:342, punt 25).

44 Ara l-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża UASI vs Grau Ferrer (C-597/14 P, EU:C:2016:2, punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata).

vii) Eċċezzjonijiet li jikkonfermaw ir-regola

85. Bħala eżempju, nirrileva li, skont l-Artikolu 83(1) u (2) tar-Regolament Nru 726/2004, b'deroga mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83, minħabba użu bbażat fuq il-ħniena, l-Istati Membri jistgħu jirrendu disponibbli prodott mediċinali mhux awtorizzat lil grupp ta' pazjenti li jsofru minn marda kronika jew mard li jdgħajjef b'mod serju jew mard li huwa kkunsidrat ta' theddida għall-ħajja u li ma jistgħux ikunu kkurati b'mod sodisfaċenti minn prodott mediċinali awtorizzat. Tali possibbiltà teżisti b'mod partikolari fir-rigward ta' prodott mediċinali ttestjat fil-kuntest ta' prova klinika. Aspetti oħra tal-użu bbażat fuq il-ħniena huma, ġeneralment, irregolati fuq livell nazzjonali.

86. Għaldaqstant, minħabba ċerta libertà tal-Istati Membri fir-rigward tar-regoli li jirregolaw l-użu bbażat fuq il-ħniena, ma nistax neskludi minn qabel li tali użu ta' prodott mediċinali li għalih tkun ġiet irreġistrata trade mark ikun jimplika użu ġenwin ta' din it-trade mark.

87. Fl-ewwel lok, ma huwiex rilevanti li, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali prevalenti, jekk ikun il-każ, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tali prodott mediċinali għall-finijiet ta' użu bbażat fuq il-ħniena ma jkollux skop ta' lukru. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li proprjetarju ta' trade mark ma jkollux skop ta' lukru ma jeskludix li dan jista' jkollu bħala għan li joħloq u, sussegwentement, iżomm suq għall-prodotti jew għas-servizzi tiegħu [46].

88. Fit-tieni lok, ma huwiex neċessarju li l-użu jkun kwantitattivament kbir sabiex ikun ikklassifikat bħala "ġenwin". Anki jekk minimu, l-użu jista' jkun suffiċjenti sabiex jirċievi din il-klassifikazzjoni sakemm ikun ikkunsidrat bħala ġġustifikat fis-settur ekonomiku kkonċernat [47]. F'din il-linja, prodott mediċinali mhux awtorizzat, li jista' jkun is-suġġett ta' użu bbażat fuq il-ħniena, jista' jkun intiż sabiex jiġi kkummerċjalizzat fil-futur fost persuni li jsofru minn marda kronika jew mard li jdgħajjef b'mod serju jew mard li huwa kkunsidrat ta' theddida għall-ħajja. Għaldaqstant, dan is-suq huwa limitat u, għaldaqstant, l-atti li jikkostitwixxu użu ġenwin jistgħu wkoll ikunu limitati kwantitattivament.

89. Fit-tielet lok, inqis li l-użu bbażat fuq il-ħniena ta' prodott mediċinali li għalih trade mark kienet ġiet irreġistrata ma jistax ipoġġi lill-proprjetarju tiegħu f'sitwazzjoni żvantaġġata meta mqabbel mal-atturi l-oħra tas-suq tal-prodotti mediċinali kkummerċjalizzati. Fil-fatt, l-intervent fis-suq ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali li huwa s-suġġett ta' użu bbażat fuq il-ħniena jista' jseħħ f'ċirkustanzi paragunabbli għal dawk tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinali awtorizzat.

90. Fl-aħħar nett, fir-raba' lok, interpretazzjoni li ma teskludix sistematikament l-eżistenza ta' użu ġenwin fil-kuntest ta' użu bbażat fuq il-ħniena jidhirli li hija kkorroborata mill-qari sistematiku tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 726/2004 u tad-Direttiva 2001/83. Min-naħa, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83, li jistabbilixxi l-prinċipju li prodotti mediċinali mhux awtorizzati ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq, jiftaħ it-Titolu III, intitolat "Tqegħid fis-suq" ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 83(1) tar-Regolament Nru 726/2004 jipprevedi espliċitament *deroga* mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83. Fl-ipoteżi fejn it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' prodott mediċinali taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 83(1) u (2) tar-Regolament Nru 726/2004 ma jkunx jikkostitwixxi tqegħid fis-suq, tali deroga ma tkunx tagħmel sens.

91. Sabiex nikkonkludi, ma neskludix li trade mark irreġistrata għal prodotti farmaċewtiċi u prodotti għall-kura tas-saħħa, li jaqgħu fil-klassi 5 tal-Ftehim ta' Nice u, b'mod iktar preċiż, għal prodott mediċinali kopert mid-Direttiva 2001/83, tkun tista' f'ċerti każijiet, tkun is-suġġett ta' użu ġenwin qabel ma tinkiseb l-ATS għal dan il-prodott mediċinali. Il-punt dwar jekk użu huwiex suffiċjenti irid jiġi evalwat każ b'każ. Dan premess, inqis li l-użu ta' tali trade mark fil-kuntest ta' provi kliniċi ma

46 Sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, Verein Radetzky-Orden (C-442/07, EU:C:2008:696, punti 16 u 17).

47 Ara d-digriet tas-27 ta' Jannar 2004, La Mer Technology (C-259/02, EU:C:2004:50, punt 24). Ara wkoll, għal dak li jirrigwarda l-użu tat-trade marks fis-settur farmaċewtiku, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2017 tal-Cour de cassation, Chambre commerciale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Sezzjoni Kummerċjali) Nru 13-11513 (Franza).

jistax jikkostitwixxi użu ġenwin fis-sens tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001). Fil-fatt, fil-kuntest ta' prova klinika, trade mark ma tintużax sabiex toħloq jew iżżomm suq għall-prodotti jew għas-servizzi li għalihom din kienet ġiet irreġistrata.

92. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, inqis li t-tieni parti tal-ewwel aggravju hija infondata.

2. Fuq it-tieni aggravju

a) Il-pożizzjonijiet tal-partijiet

93. Permezz tat-tieni aggravju, li jirrigwarda prinċipalment il-punti 60 u 61 tas-sentenza appellata, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001) meta eskludiet l-eżistenza ta' raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu tat-trade mark ikkontestata. B'mod iktar preċiż, l-appellanti tafferma li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta eskludiet l-eżistenza ta' raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu fil-każijiet fejn, fl-ewwel lok, l-applikazzjoni li tirrigwarda l-imsemmija prova ġiet ippreżentata ħafna wara li ġiet irreġistrata t-trade mark u fejn, fit-tieni lok, il-mezzi finanzjarji użati ma kinux dawk li kienu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi konkluż l-istudju kliniku l-iktar malajr possibbli.

94. Insostenn ta' dan l-aggravju, l-appellanti tindika, fl-ewwel lok, li, bil-fatt li hija ġiet ikkritikata li applikat għall-awtorizzazzjoni għal prova klinika ħafna wara r-reġistrazzjoni tat-trade mark, il-Qorti Ġenerali xejnet is-sens tat-terminu moratorju ta' ħames snin. Fil-fatt, trade mark ta' prodott mediċinali li t-terminu moratorju tagħha jkun ser jiskadi issir, fil-fatt, inutilizzabbli, peress li hija biss il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal ATS li tiġġustifika n-nuqqas ta' użu.

95. It-tieni nett, fid-dawl tat-teħid inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-investimenti finanzjarji fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu, impriżi li huma finanzjarjament sodi jsibuha iktar faċli jipproteġu l-investimenti tagħhom b'mod adegwat permezz tad-dritt tat-trade marks minn impriżi finanzjarjament iktar dgħajfa. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali ma tistax tibbaża ruħha fuq il-premessa astratta li kwantità ikbar ta' investimenti kienet tippermetti li l-prova klinika inkwistjoni f'dan il-każ issir b'mod iktar mgħaġġel.

96. L-EUIPO u, jekk wieħed jippreżumi li t-tieni aggravju huwa ammissibbli, Hecht-Pharma, iqisu li dan l-aggravju huwa infondat.

97. Skont l-EUIPO, il-konklużjoni li l-atti mwettqa mill-appellanti kienu jaqgħu taħt il-kamp ta' influwenza tagħha u l-prova klinika ma setgħatx tikkostitwixxi raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu f'dan il-każ hija bbażata fuq evalwazzjoni globali li tieħu inkunsiderazzjoni, minbarra d-dekorrenza taż-żmien u l-investimenti mwettqa, b'mod partikolari, il-fatt li ma tressqet ebda evidenza li turi li din il-prova kienet ġiet konkluża, li l-prova klinika inkwistjoni hija suġġetta għar-regoli nazzjonali u tikkostitwixxi biss stadju lejn il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinali għall-kura tal-isklerożi multipla u, fl-aħħar nett, li ma jeżisti ebda obbligu legali li jimponi li jingħata isem lil prodott mediċinali matul prova klinika.

98. Hecht-Pharma tammetti li proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' prodott mediċinali li hija twila b'mod mhux normali tista' tikkostitwixxi raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu. Madankollu, għal dak li jirrigwarda din il-kawża, Hecht-Pharma tindika, b'mod partikolari, li l-appellanti ħalliet tliet snin jgħaddu bejn ir-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata u l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sabiex twettaq prova klinika u li, sal-lum, hija ma ppreżentatx applikazzjoni għal ATS.

b) Evalwazzjoni

99. Fis-sentenza Häupl[48], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li jridu jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi sabiex jiġi ġġustifikat in-nuqqas ta' użu ta' trade mark. L-ostakolu għandu, fl-ewwel lok, ikun indipendenti mill-volontà tal-proprjetarju ta' din it-trade mark, fit-tieni lok, għandu jkollu relazzjoni diretta biżżejjed mat-trade mark u, fit-tielet lok, ikun tali li jirrendi impossibbli jew mhux raġonevoli l-użu tal-imsemmija trade mark.

100. Dan premess, il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li bihom din ċaħdet l-eżistenza ta' raġuni ġġustifikata għal nuqqas ta' użu kienu jirrigwardaw biss l-ewwel kundizzjoni, dwar il-fatt li l-ostakolu jkun indipendenti mill-volontà tal-proprjetarju. Għandu jitfakkar li, fil-punt 61 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li għalkemm it-twettiq ta' prova klinika seta' effettivament jikkostitwixxi raġuni għan-nuqqas ta' użu ta' trade mark, l-atti u l-avvenimenti ċċitati mill-appellanti f'dan il-każ *kienu jaqgħu taħt il-kamp ta' influwenza tagħha u kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, b'mod li ma kinux jikkonċernaw ostakoli indipendenti mill-volontà tagħha*.

101. Sabiex waslet għal dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni diversi kriterji, jiġifieri, minn naħa, id-dekorrenza taż-żmien bejn ir-reġistrazzjoni tat-trade mark – li kienet ir-riżultat mhux ta' obbligu legali imma ta' għażla tal-appellanti stess – u l-bidu tal-prova klinika (li d-data preċiża tat-tlestija tagħha ma kinitx determinabbli[49]), kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-adegwatezza tal-investimenti mwettqa mill-appellanti[50].

102. Għaldaqstant, mingħajr ma rrid nippronunzja ruħi fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw l-eżistenza ta' relazzjoni suffiċjentement diretta bejn l-ostakolu u t-trade mark ikkontestata, kif ukoll l-impatt ta' dan l-ostakolu fuq il-possibbiltà jew ir-razzjonalità tal-użu ta' din it-trade mark, li ma ġewx deċiżi mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, għandu jiġi eżaminat il-punt dwar jekk, fis-sitwazzjoni fejn ikun jeżisti ostakolu minħabba raġunijiet li jirrigwardaw il-bidu u l-finanzjament ta' prova klinika ta' prodott mediċinali li għalih tkun ġiet irreġistrata l-imsemmija trade mark, dan l-ostakolu huwa (jew ma huwiex) indipendenti mill-volontà ta' proprjetarju[51].

103. Fis-sentenza Häupl[52] il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim ta' l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ għad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali[53], jista' jikkostitwixxi element ta' interpretazzjoni tal-kunċett ta' raġunijiet ġġustifikati fis-sens użat fid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tiċċita bħala eżempji r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni jew ir-rekwiżiti l-oħra tal-awtoritajiet pubbliċi li jirrigwardaw il-prodotti jew is-servizzi koperti minn trade mark. Għaldaqstant, ostakolu ta' natura legali jista' jikkostitwixxi wkoll raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu.

48 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007 (C-246/05, EU:C:2007:340, punti 54 u 55).

49 Ara l-punti 55 sa 58 u 60 tas-sentenza appellata.

50 Ara l-punt 59 tas-sentenza appellata.

51 Barra minn hekk, kif għadni kif spjegajt fil-parti ta' dawn il-konklużjonijiet li tirrigwarda l-ammissibbiltà tal-aggravji, inqis li t-tieni aggravju huwa ammissibbli, peress li jirrigwarda n-natura taċ-ċirkustanzi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi kkonstatat li ostakolu huwa indipendenti mill-volontà tal-proprjetarju. Jidhirli li aggravju simili ġie meqjus ammissibbli mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI (C-234/06 P, EU:C:2007:514, punt 99).

52 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007 (C-246/05, EU:C:2007:340, punt 48).

53 Il-Ftehim ta' l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ għad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali li jinsab fl-Anness 1C tal-Ftehim ta' Marrakech li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

104. Ċertament, skont l-analiżi tiegħi tal-ewwel aggravju, fis-sistema stabbilita, b'mod partikolari, mid-Direttiva 2001/83 u mir-Regolament Nru 726/2004, l-użu ġenwin ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali mhux awtorizzat huwa possibbli biss f'każijiet eċċezzjonali u l-użu ġenwin tagħha fil-kuntest tal-provi kliniċi huwa impossibbli [54].

105. Madankollu, fl-ewwel lok, ma jistax jingħad li kull restrizzjoni legali li hija marbuta direttament mat-trade mark u li tirrendi l-użu tagħha impossibbli tikkostitwixxi ostakolu li għandu awtomatikament ikun ikklassifikat bħala raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu. Kull attività kummerċjali għandha tiġi eżerċitata skont ċerti dispożizzjonijiet leġiżlattivi. Infakkar f'dan il-kuntest li l-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li wieħed ma jistax jagħti portata wiesgħa wisq lill-kunċett ta' "raġuni ġġustifikata" [55]. Konsegwentement, inqis li s-sempliċi fatt li jeżisti ostakolu għall-użu ta' trade mark, bħan-neċessità li wieħed jikkonforma ruħu mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex jikkummerċjalizza l-prodotti koperti minn din it-trade mark, ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' użu ta' din it-trade mark [56].

106. Fit-tieni lok, fil-kuntest tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea u indipendentement mill-kunsiderazzjonijiet dwar ir-rwol tal-provi kliniċi fir-regoli li jirregolaw il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, it-twettiq ta' prova klinika ta' prodott mediċinali li għalih kienet ġiet irreġistrata trade mark jikkostitwixxi, għall-proprjetarju tagħha, att li bih dan jipprova jelimina ostakolu għall-użu ġenwin ta' din it-trade mark.

107. Fil-fatt, fil-każ fejn il-proprjetarju jista' jeżerċita atti li jistgħu jeliminaw ostakolu għall-użu tat-trade mark jew, tal-inqas, inaqqsu kemm dan idum, wieħed ma jistax iqis li dan l-ostakolu huwa kompletament indipendenti mill-volontà tiegħu. Dan premess, ma neskludix li, meta dawn l-atti jeżiġu mingħand il-proprjetarju li jissuġġetta ruħu għal proċedura speċifika, dan jista' jiltaqa' ma ostakoli oħra maħluqa mill-awtoritajiet responsabbli milli jmexxu din il-proċedura. Intendi li naħseb li tali ostakoli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet iġġustifikati għal nuqqas ta' użu. Għal dak li jirrigwarda, pereżempju, is-sitwazzjoni tal-proprjetarju ta' trade mark irreġistrata għal prodott mediċinali, jista' jiġri li l-awtoritajiet responsabbli mill-awtorizzazzjoni preċedenti għal prova klinika ma jkunux eżaminaw, fit-terminu li jkun ingħatalhom, l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ppreżentata minn dan il-proprjetarju.

108. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma kkorroborati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha l-kunċett ta' "raġunijiet iġġustifikati" jirreferi, essenzjalment, għal ċirkustanzi esterni għall-proprjetarju tat-trade mark [57].

109. Huwa minnu li prova klinika kif ukoll il-modifiki sostanzjali li jsirulha għandhom jiġu awtorizzati minn qabel minn Stat membru [58]. Madankollu, tali awtorizzazzjonijiet jingħataw skont il-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti, li huma, minħabba f'hekk, prevedibbli għal proprjetarju li jaġixxi bħala sponsor ta' prova klinika. Fil-fatt, l-isponsor huwa responsabbli għall-bidu, għall-immaniġġjar u għall-organizzazzjoni tal-iffinanzjar ta' prova klinika [59].

54 Ara l-punt 91 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Häupl (C-246/05, EU:C:2007:340, punt 51).

56 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, Kaane American International Tobacco vs EUIPO – Global Tobacco (GOLD MOUNT) (T-294/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:382, punt 42).

57 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI (C-234/06 P, EU:C:2007:514, punt 102).

58 Ara l-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

59 Ara l-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

110. Għal dak li jirrigwarda dan l-appell, għandu jiġi osservat li l-kriterji adottati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata u kkritikati permezz tat-tieni aggravju jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-appellanti hekk iddefinita [60]. Barra minn hekk, xejn ma jindika li l-appellanti invokat fatti oħra li jistgħu juru li ostakoli li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tagħha kellhom impatt fuq il-bidu jew it-twettiq tal-prova klinika. Fi kwalunkwe każ, l-evalwazzjoni ta' tali fatti ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

111. Barra minn hekk, inqis li, fis-sitwazzjoni fejn l-appellanti tinvoka tali fatti, għandha ssir evalwazzjoni każ b'każ dwar jekk, matul it-terminu previst fl-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001), tibdil fl-istrateġija kummerċjali intiż li jiġi evitat l-ostakolu setax, bi probabbiltà mhux negliġibbli, jirrendi possibbli l-użu tat-trade mark ikkontestata qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu. Fil-każ ta' risposta negattiva, ikun hemm lok li jitqies li teżisti raġuni għan-nuqqas ta' użu. Fil-każ ta' risposta affermattiva, proprjetarju ma jistax jinvoka li kienet teżisti raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' użu.

112. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, inqis li t-tieni aggravju huwa infondat.

VII. Konklużjoni

113. Fid-dawl ta' dan kollu li ntqal, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

60 Ara l-punt 109 ta' dawn il-konklużjonijiet.